Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-fużjonijiet fil-laqgħa tat-2 ta' Lulju 2020 dwar abbozz ta' deċiżjoni preliminari b'rabta mal-Każ M.9014 — PKN Orlen/Grupa Lotos

Relatur: il-Belġju

(2021/C 196/03)

Tranżazzjoni

1. Il-Kumitat Konsultattiv (11-il Stat Membru) jaqbel mal-Kummissjoni li t-Tranżazzjoni tikkostitwixxi konċentrazzjoni fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Dimensjoni tal-Unjoni

2. Il-Kumitat Konsultattiv (11-il Stat Membru) jaqbel mal-Kummissjoni li t-Tranżazzjoni għandha dimensjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Suq tal-Prodotti

3. Il-Kumitat Konsultattiv (11-il Stat Membru) jaqbel mad-definizzjonijiet tal-Kummissjoni tas-swieq tal-prodotti rilevanti li ġejjin:

   3.1. fil-Polonja hemm suq wieħed tal-operaturi għall-forniment tad-diżil, il-petrol u l-LHO, mingħajr segmentazzjoni bejn il-bejgħ frank mir-raffinerija u dak bl-ingrossa;

   3.2. is-suq għall-forniment bl-ingrossa tal-karburanti jenħtieġ li jinqasam skont il-karburant (jiġifieri bejn id-diżil, il-petrol, l-LHO u l-karburant tal-ġettijiet);

   3.3. is-suq għall-forniment tal-karburant tal-ġettijiet jeskludi l-avgas, li jikkostitwixxi suq ta' prodott separat mill-karburant tal-ġettijiet;

   3.4. is-suq għall-forniment tal-karburant tal-ġettijiet jenħtieġ li jkun segmentat bejn il-forniment ta' karburant tal-ġettijiet frank mir-raffinerija u l-forniment ta' karburant tal-ġettijiet abbord l-ajruplani;

   3.5. is-suq għall-forniment abbord l-ajruplani tal-karburant tal-ġettijiet jenħtieġ li jkun segmentat bejn il-forniment abbord l-ajruplani mill-forniturи u l-kummerċjanti minn naħa waħda, u r-rivendituri min-naħa l-oħra;

   3.6. hemm suq ġenerali għall-forniment bl-imnut ta' karburanti (bejgħ fuq l-awtostrada li jikkostitwixxi segment) li jista' jkompli jinqasam bejn il-bejgħ B2B u l-bejgħ B2C;

   3.7. jenħtieġ li għall-forniment ta' kull tip differenti ta' bitum ikun hemm distinzjoni fis-swieq, jiġifieri l-forniment ta' bitum standard, il-forniment ta' bitum modifikat u l-forniment ta' bitum industrijali.

Is-swieq ġeografiċi

4. Il-Kumitat Konsultattiv (11-il Stat Membru) jaqbel mad-definizzjonijiet tal-Kummissjoni tas-swieq ġeografiċi rilevanti għall-forniment bl-ingrossa tad-diżil, il-petrol u l-LHO, jiġifieri li għandhom ambitu nazzjonali.

5. Il-Kumitat Konsultattiv (11-il Stat Membru) jaqbel mad-definizzjonijiet tal-Kummissjoni tas-swieq ġeografiċi rilevanti għall-forniment bl-imnut ta' karburanti, jiġifieri li huma nazzjonali fl-ambitu b'elementi lokali.

6. Il-Kumitat Konsultattiv (11-il Stat Membru) jaqbel mad-definizzjonijiet tal-Kummissjoni tas-swieq ġeografiċi rilevanti għall-forniment ta' karburant tal-ġettijiet frank mir-raffinerija, jiġifieri li huma nazzjonali fl-ambitu rigward il-forniment lill-klijenti fil-Polonja u nazzjonali jew supranazzjonali li tinkludi żona li tkopri ċ-Ċekja, il-Polonja, is-Slovakkja, l-Ungerija u l-Ġermanja tal-Lvant għall-forniment lill-klijenti fiċ-Ċekja.

7. Il-Kumitat Konsultattiv (11-il Stat Membru) jaqbel mad-definizzjonijiet tal-Kummissjoni tas-swieq ġeografiċi rilevanti tal-forniment ta' karburant tal-ġettijiet abbord l-ajruplani, jiġifieri li jinkludu l-ajruporti kollha.

8. Il-Kumitat Konsultattiv (11-il Stat Membru) jaqbel mad-definizzjonijiet tal-Kummissjoni tas-swieq ġeografiċi rilevanti għall-forniment ta' bitum standard, il-forniment ta' bitum modifikat u l-forniment ta' bitum industrijali, jiġifieri li għandhom ambitu nazzjonali.

Valutazzjoni Kompetittiva

9. Il-Kumitat Konsultattiv (11-il Stat Membru) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-Tranżazzjoni tfixkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva minħabba l-effetti orizzontali mhux koordinati u/jew minħabba l-effetti mhux koordinati rigward is-swieq li ġejjin:

   9.1. is-swieq għall-forniment bl-ingrossa tad-diżil, il-petrol u l-LHO fil-Polonja;

   9.2. is-suq globali tal-bejgħ bl-imnut għall-forniment ta' karburanti (u s-segment tal-awtostradi) u s-swieq tal-bejgħ bl-imnut għall-forniment ta' karburanti lill-klijenti B2C u B2B fil-Polonja;

   9.3. is-swieq upstream u downstream għall-forniment bl-ingrossa ta' karburanti (upstream) fil-Polonja u għall-forniment bl-imnut ta' karburanti (downstream) fil-Polonja;

   9.4. is-swieq għall-forniment ta' karburant tal-ġettijiet frank mir-raffinerija lill-klijenti fil-Polonja u fiċ-Ċekja;

   9.5. is-suq għall-forniment abbord l-ajruplani ta' karburant tal-ġettijiet fl-ajruporti kollha fil-Polonja;

   9.6. is-swieq upstream u downstream għall-forniment ta' karburant tal-ġettijiet frank mir-raffinerija lill-klijenti fil-Polonja (upstream) u abbord l-ajruplani fl-ajruporti kollha fil-Polonja (downstream);

   9.7. is-swieq upstream u downstream għall-forniment frank mir-raffinerija ta' karburant tal-ġettijiet lill-klijenti fiċ-Ċekja (upstream) u abbord l-ajruplani fl-ajruport ta' Praga (downstream);

   9.8. is-swieq għall-forniment ta' bitum standard, modifikat u industrijali fil-Polonja.

10. Il-Kumitat Konsultattiv (11-il Stat Membru) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-Tranżazzjoni ma timpedix b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fir-rigward tar-relazzjoni bejn l-attivitajiet tal-Partijiet:

   10.1. fis-suq għall-forniment ta' HFO fil-Polonja (jew f'suq usa');

   10.2. fis-suq għall-forniment ta' servizzi ta' ħasil tal-karozzi;

   10.3. il-forniment frank mir-raffinerija ta' karburant tal-ġettijiet lill-klijenti fl-Estonja (jiġifieri l-aktar suq limitat plawsibbli);

   10.4. is-swieq għall-forniment tat-tipi differenti ta' bitum barra mill-Polonja ([1]);

   10.5. is-suq għall-forniment ta' żjut bażi tal-Grupp I fiż-ŻEE;

   10.6. is-suq għall-forniment ta' lubrikanti industrijali u awtomobilistiċi minerali fil-Polonja;

   10.7. is-suq għas-servizzi tal-bunkering fil-Polonja;

   10.8. is-suq għall-forniment tal-isomerat fil-Polonja;

   10.9. is-swieq upstream u downstream għall-forniment tal-isomerat (upstream) kif ukoll il-forniment tal-petrol bl-ingrossa (downstream);

   10.10. is-swieq upstream u downstream għall-forniment ta' servizzi tal-ħżin obbligatorji (upstream) u l-forniment bl-ingrossa tal-karburanti (downstream);

   10.11. is-swieq upstream u downstream għall-forniment ta' trasport tal-merkanzija bil-ferrovija u s-servizzi ta' trasport (upstream) kif ukoll il-forniment bl-ingrossa tal-karburanti u ta' prodotti relatati mal karburanti (downstream);

   10.12. is-swieq upstream u downstream għall-esplorazzjoni u l-iżvilupp taż-żejt mhux maħdum u tal-gass naturali (upstream) kif ukoll il-forniment bl-ingrossa tal-karburanti u ta' prodotti relatati mal karburanti (downstream);

   10.13. is-swieq upstream u downstream għall-forniment taż-żejt kombustibili tqil (Heavy Fuel Oil, HFO) fil-Polonja (upstream) u għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana (dowstream);

   10.14. is-swieq upstream u downstream għall-forniment tal-isomerat (upstream) u s-slack wax (upstream) kif ukoll il-forniment tax-xama' tal-paraffina (downstream);

([1]) Is-swieq għall-forniment ta' bitum standard fl-Awstrija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, ir-Rumanija u s-Slovakkja, is-swieq għall-forniment ta' bitum modifikat fil-Latvja u fil-Litwanja, u s-swieq għall-forniment ta' bitum industrijali fl-Awstrija u fiċ-Ċekja.

10.15. is-swieq upstream u downstream għall-forniment taż-żjut bażi tal-Grupp I (upstream) u lubrikanti (downstream) fil-Polonja;

10.16. is-swieq upstream u downstream għall-forniment taż-żejt kombustibili tqil (Heavy Fuel Oil, HFO) (upstream) u l-forniment ta' servizzi tal-bunkering (downstream);

10.17. is-swieq upstream u downstream għall-forniment ta' żejt tal-gass marin frank mir-raffinerija (upstream) u l-forniment ta' servizzi tal-bunkering (downstream).

Impenji

11. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-Impenji Finali jindirizzaw it-tħassib dwar il-kompetizzjoni fir-rigward tas-swieq għal:

11.1. il-forniment bl-ingrossa ta' diżil, petrol u LHO fil-Polonja; (Disa' Stati Membri vvutaw favur. Żewġ Stati Membri astjenew. L-ebda Stat Membru ma vvota kontra.)

11.2. il-forniment bl-imnut ta' karburanti fil-Polonja (u s-segment tal-awtostradi); (Disa' Stati Membri vvutaw favur. Żewġ Stati Membri astjenew. L-ebda Stat Membru ma vvota kontra.)

11.3. il-forniment bl-imnut ta' karburanti lil klijenti B2C u B2B fil-Polonja; (Disa' Stati Membri vvutaw favur. Żewġ Stati Membri astjenew. L-ebda Stat Membru ma vvota kontra.)

11.4. il-forniment bl-imnut ta' karburanti fil-Polonja (upstream) u l-forniment bl-imnut ta' karburanti fil-Polonja (downstream); (Disa' Stati Membri vvutaw favur. Żewġ Stati Membri astjenew. L-ebda Stat Membru ma vvota kontra.)

11.5. il-forniment ta' karburant tal-ġettijiet frank mir-raffinerija lill-klijenti fil-Polonja; (Disa' Stati Membri vvutaw favur. Żewġ Stati Membri astjenew. L-ebda Stat Membru ma vvota kontra.)

11.6. il-forniment ta' karburant tal-ġettijiet frank mir-raffinerija lill-klijenti fiċ-Ċekja; (Disa' Stati Membri vvutaw favur. Żewġ Stati Membri astjenew. L-ebda Stat Membru ma vvota kontra.)

11.7. il-forniment ta' karburant tal-ġettijiet abbord l-ajruplani fl-ajruporti kollha fil-Polonja; (Disa' Stati Membri vvutaw favur. Żewġ Stati Membri astjenew. L-ebda Stat Membru ma vvota kontra.)

11.8 .il-forniment ta' karburant tal-ġettijiet frank mir-raffinerija lill-klijenti fil-Polonja (upstream) u l-forniment abbord l-ajruplani fl-ajruporti kollha fil-Polonja (downstream); (Disa' Stati Membri vvutaw favur. Żewġ Stati Membri astjenew. L-ebda Stat Membru ma vvota kontra.)

11.9. il-forniment ta' karburant tal-ġettijiet frank mir-raffinerija lill-klijenti fiċ-Ċekja (upstream) u l-forniment abbord l-ajruplani fl-ajruport ta' Parga (downstream); (Disa' Stati Membri vvutaw favur. Żewġ Stati Membri astjenew. L-ebda Stat Membru ma vvota kontra.)

11.10. is-swieq għall-forniment ta' bitum standard, modifikat u industrijali fil-Polonja. (Għaxar Stati Membri vvutaw favur. Stat Membru wieħed astjena. L-ebda Stat Membru ma vvota kontra.)

12. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li, soġġett għall-konformità sħiħa mal-Impenji Finali, it-Tranżazzjoni ma tfixkilx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew xi parti sostanzjali minnu. Disa' Stati Membri vvutaw favur. Żewġ Stati Membri astjenew. L-ebda Stat Membru ma vvota kontra.

Kompatibilità mas-Suq Intern

13. Il-Kumitat Konsultattiv (11-il Stat Membru) jaqbel mal-Kummissjoni li t-Tranżazzjoni għalhekk jenħtieġ li tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern u l-funzjonament tal-Ftehim ŻEE skont l-Artikoli 2(2) u 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim ŻEE. Disa' Stati Membri vvutaw favur. Żewġ Stati Membri astjenew. L-ebda Stat Membru ma vvota kontra.